# Wiċċ ġdid lill-Każini tal-Baned tagħna......

minn Lino Mifsud

Ser nikteb fuq suġġett dibattibli, polemikuż, li jitlob, mentalità novattiva u moderna u viżjoni li trid tħares lejn il-futur mhux il-bogħod. Huwa kollu minnu li l-oriġini tal-każini tal-baned tagħna inħolqot sabiex ikunu l-postijiet fejn l-iskop prinċipali jkun it-tagħlim tal-mużika, soċjo-edukattiv u rikreattiv u fuq kollox fejn wieħed jista jisfrutta t-talenti u l-kapaċità tiegħu.

Il-Każini tal-Baned kienu u għadhom il-benniena fejn jitrawwmu ħafna idejat u titħaddan u titħaddem id-demokrazija. Iżda wieħed jistaqsi imma kif? F'dawn l-ambjenti dejjem jiġu diskussi suġġetti varji, bħal sajd, kaċċa, kull tip ta' sports, familja, reliġjon, politika, ekonomija, informazzjoni teknoloġika, drama, arti, studji ta' kull qasam, snajja, u kull passatemp, namra, jew aħjar kull suġġett li wieħed jista' jimmaġina. Madwar mejda b'xi grokk jew kikkra tè quddiemu dak li jkun jesprimi u jgħid tiegħu fuq kwalunkwe suġġett. Forsi din m'hiex demokrazija fejn kulħadd igħid li jrid u jisma' x'għandu xi jgħid ħaddieħor. Dawn il-postijiet sa ftit żmien ilu kienu l-qofol ta' xogħol volontarju u kontinwu. Kemm ikkontribwew fil-kultura, fil-mużika u fl-arti ta' gżiritna. Dejjem taw sehemhom kull meta kien hemm bżonn u ikkontribwew għall-belt jew raħal tagħhom. Huma l-pijunieri ta' ħafna għaqdiet u organizazzjonijiet. Forsi dan l-għandhom jibqgħu miżmuma, inkoraġġiti u kkultivati tajjeb. Dawn huma parti mill-kultura u l-folklor Malti. Il-baned fi ħdan dawn l-għaqdiet filarmoniċi huma sinonimu mal-folklor Malti. Mela għaliex fl-introduzzjoni għidt li dan is-suġġett huwa dibattibli, polemikuż u jitlob mentalità novattiva u moderna b'viżjoni li trid tħares lejn il-futur? Ħalli naraw.

**Dominju tas-sess maskil**

Sal-ġurnata tal-lum, u sa fejn naf jien ma hawn l-ebda każin tal-banda f'Malta, li fi ħdanu, in-nisa għandhom l-istess drittijiet bħall-membri jew bħas-soċi rġiel. Li jeżistu ħafna sotto-kumitati fejn in-nisa huma nvoluti, huwa minnu. Huwa minnu ukoll, li n-nisa huma aċċettati bħala membri sostenituri, fejn il-miżata tagħhom tkun anqas minn tal-irġiel. Nafu ukoll, li l-bandisti nisa, li huma wkoll numerużi, għand-hom b'xi mod saħħa daqs is-soċi u bandisti rġiel. F'xi każini din hija l-unika sezzjoni tas-sess femminil li jista' jivvota għall-kumitat tad-direzzjoni.



**Soċi Nisa**

Fi ġlieda sfrenata għall-ugwaljanza tal-mara f'kull qasam, l-awtoritajiet governattivi qegħdin jagħtuha tant importanza billi qegħdin jippruvaw li l-mara tkun rappreżentatha f'kull qasam. Għaliex m'għandniex nagħmlu l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba u jibdew jiġu emmendati l-istatuti tal-każini tal-baned tagħna sabiex isir dan il-pass posittiv? X'hemm ħażin? Forsi n-nisa mhux kapaċi jikkontribwixxu daqs l-irġiel? Li r-raġel jiffrekwenta każin m'hemm xejn ħażin u ta' min jonkoraġġiha. Iżda minn naħa l-oħra x'hemm ħażin li l-mara tagħti sehem f'każin? X'hemm xi tgħid jekk koppja tattendi l-każin fejn barra li tirrikreja ruħha tkun tista' tagħti l-kontribut tagħha f'xi qasam partikolari? Dan dejjem sakemm ikunu konformi ma' l-istatut jew regolamenti tas-Soċjetà. Meta ser nibdlu din il-mentalità? Taħsbu li fl-era tagħna għad baqa' lok fejn il-mara toqgħod id-dar u r-raġel il-każin? Inħalli fil-ġudizzju tagħkom. S'intendi dawn l-affarijiet iġibu magħhom ħwejjeġ u użanzi differenti. Il-Malti jgħid: "ħaġa taqla' l-oħra" u hekk hu. Tajjeb li nsemmi li waqt li kont qiegħed nikteb dan l-artiklu laqatni "workshop" li ġie organizzat mill-Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika bil-kollaborazzjoni tas-Segretarju Parlamentari ta' l-Ugwaljanza tal-Mara fejn qiegħed jiġi diskuss suġġett pjuttost ġdid għal Malta li huwa: "Workshop on Gender Issue and Statistics". Dan

il-Workshop qiegħed jitmexxa minn Pehr Sunstrom espert fuq Gender Issues mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika ta' l-Isvezja. Qiegħed insemmi dan sabiex nifhmu kemm qiegħed jingħata mportanza dan is-suġġett ta' l-ugwaljanza tal-mara fi żminijietna.

**Ambjent Ġdid**

Jekk immorru ftit għexieren ta' snin lura u min bħali jiffrekwenta l-każin malajr jiftakar f'dak l-ambjent fejn kulma kont tara kienu rġiel, min jilgħab il-karti, min jipprattika xi strument, it-tfal u ż-żgħażagħ jattendu għall-lezzjonijiet tal-mużika, min hu fil-Kumitat aktarx dejjem għaddej b'xi proġett, min jilgħab il-billiard, insomma kont issib ftit minn kollox. Żmien il-festa mod, żmien il-karnival ieħor, dejjem għaddejja xi attività. Meta toqgħod taħseb u tistaqsi: l-ambjent tal-każin ta' dawk is-snin huwa aċċettabli u addattat għaż-żminijiet tal-lum? Daż-żgur li le. Mela allura meta wasalna biex nispiċċaw dan is-seklu elfejn hemm bżonn naħsbu sabiex il-każini tagħna nagħtuhom bixra differenti. Bixra differenti kemm mill-latt fiżiku u anke mill-latt mentali. Il-każini iridu b'xi mod jibdlu biex ngħidulu hekk is-set up tagħhom. Hemm bżonn mentalità u idejat ġodda. Hemm bżonn struttura ġdida, proġetti ambizzjużi li b'xi mod jirrendu dħul adekwat sabiex ilaħħaq mal-ispejjeż kurrenti li kulma jmur qegħdin jikbru b'pass imgħaġġel. Biżżejjed wieħed jagħti daqqa ta' għajn lejn is-salarji tas-Surmast Direttur, u ta' l-għalliema oħra tal-mużika, bandisti barranin, il-kontijiet tat-telefon, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, permessi tal-pulizija, insurance, il-ħlas tal-bandisti, il-manutenzjoni, l-ispejjeż amministrattivi u spejjeż oħra. Mill-esperjenza tiegħi mid-dħul miżeru tal-miżati tas-soċi l-anqas ikollok biex imqar tħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Irridu nifhmu li għalxejn jkollok każin kbir jekk ma nkunux kapaċi nutillizzawh tajjeb. Il-każini tagħna jridu jibdew jaraw orizzonti ġodda. Moħħna jrid jinfetaħ u jibda jaċċetta idejat li forsi qatt ma konna noħolmu bihom.

**Fejn irridu naslu**

L-ewwel li għandu jsir huwa li jinħoloq database sabiex fih jinżamm r-records kollha tas-Soċjetà; soċi, bandisti, arkivji, inventarju, minuti u kull ħaġa oħra li hija konnessa. Din il-biċċa xogħol issir darba u wara kollox jista' jiġi aġġornat u tista' tirreferi malajr għal kull tip ta' riferenzi li jkun meħtieġ. Hemm il-ħtieġa li nagħmlu użu mit-Teknoloġija Informatika. Irridu niskopru s-suq u naraw x'nistgħu nagħmlu. Żgur li hemm ħafna software packages li huma ta' interess u ta' tagħlim kontinwu. Irridu noħolqu struttura u ninvestu fi proġetti li jirrendu ntrojtu tajjeb. Iva bil-ħsieb u b'użu tajjeb ta' l-intelliġenza tagħna hemm x'isir.

**Kors fuq l-Istatut lis-Soċi**

Hemm bżonn li jibda jsir tagħlim u titwassal informazzjoni aktar lis-soċi. L-ewwel ħaġa li nipproponi li għandu jsir huwa 'induction' kors lil dawk is-soċi ġodda fejn bl-aktar mod serju u bi preżentazzjoni tajba għandu wieħed jispjega u jitma' dak li fih l-istatut. Dan għandu jsir ħalli kulħadd ikun jaf l-obbligi u d-dmirijiet tiegħu fis-Soċjetà. Jekk ikollok tistaqsi xi ħaġa fuq l-istatut lill-membri ibqa' żgur li ssib li hemm xi wħud li lanqas qatt raw kopja ta' l-istatut aħseb u ara kemm jafu x'fih. L-importanti hu li l-ewwel nedukaw u ngħallmu ħalli kulħadd jibda jifhem u jerfa' r-responsabilità fit-tmexxija tas-Soċjetà. Dan il-piż m'għandux jintrefa' biss mill-kumitat tad-direzzjoni. Jekk nedukaw u ngħallmu nkunu ftaħna t-triq għall-proġetti aktar ambizjużi.

**Soċi Ġodda**

Kull xahar il-Kumitat irid jara li dawk l-individwi li huma ta' l-età li jitlob l-istatut u li jiffrekwentaw il-Każin għandhom jiġu nominati bħala membri fi ħdanu. Dan għandu jsir billi timtela' formola għal ta' l-apposta u tajjeb li wieħed jagħmel ix-xogħol tiegħu sewwa qabel ma' jiġi aċċettat/a bħala soċi. Trid terġa' tiġi ntrodotta t-Tessera.

**Arkivju tal-Mużika – Librerija b'tema addattata**

L-Arkivju li kważi jeżisti f'kull każin fejn fih hemm miġbura l-mużika li tkun indaqqet matul is-snin għandu jibqa' jinżamm b'għożża kbira għax dan huwa parti mill-istorja tas-Soċjetà u huwa wkoll parti mill-patrimonju tal-gżejjer tagħna. Iżda dan mhux biżżejjed. L-ewwelnett irridu naraw kif nistgħu din l-informazzjoni nissalvagwardjawa billi tiġi miġbura fuq il-memorja tal-computer. B'hekk wieħed ikollu l-faċilità li fi ftit ħin ikun jaf x'jipposjedi. Din tkun il-bażi ta' riferenza. Iżda ma għandniex inkunu kuntenti b'daqshekk, hemm bżonn immorru pass ieħor il-quddiem u nibnu librerija fejn wieħed isib studju fuq kompożituri, mużika, strumenti, storja tal-mużika u dak kollu

konness mal-mużika. Jekk ikollok li spazju u finanzi tkun ħaġa ta' min jinkoraġiha li jibni librerija b'temi varji. Dan ma jfissirx li l-kotba u materjal ieħor bħal videos, CDs, cassettes, diskettes jibdew jisselfu b'xejn. Le, żgur li moħħi jmur il-bogħod minn dan. Trid tinħoloq infrastruttura sabiex din il-librerija barra li tkun mezz edukattiv tkun qiegħda tagħti ftit introjtu lill-każin.

**L-Użu u l-Utilità tal-kumpless tal-każin**

Ħafna każini f'Malta u f'Għawdex investew bil-kbir fil-lok u għaldaqstant insibu li l-każini tagħna huma kbar u spazjużi. Iżda qiegħed isir użu tajjeb mill-kobor li fihom? Ikun verament ħsieb għaqli li naraw kif nistgħu nutilizzaw il-post kollu u b'hekk matulek ja sena s-Soċjetà tkun tista' takkwista ftit finanzi għal bżonnijiet meħtieġa. L-ispejjeż kulma jmur aktar qegħdin jikbru u għalhekk huwa tajjeb li nibdew naħsbu f'dan il-kuntest. Trid tippromovi u tirreklama xi swali, kmamar kbar li jistgħu jiġu trasformati fi klassijiet biex fihom isiru lezzjonijiet tal-privat, esibizzjonijiet, korsijiet ta' kull ġeneru, akkademiji, konkorsi, riċevimenti, bibiti, konferenzi, workshops, seminars, laqgħat u mitt ħaġa oħra. Huwa mportanti iżda li jkollok l-infrastruttura meħtieġa, bħala ngħidu aħna għamara addattata, office equipment, apparat ta' audio u viżwali u fuq kollox kċina fornuta tajjeb kemm għas-swali kif ukoll dik tal-bar tal-każin. Is-servizz irid jimmeljora u jkun sostenibbli.

**Servizzi li jista' joffri l-Każin**

Nafu li l-għan prinċipali huma t-tagħlim tal-mużika u delizzji oħra. Mela jekk irridu nimxu rridu nibnu u nsostnu anke jekk kontra xi ħlasijiet minn naħa tal-membri:

- Skola tal-mużika fejn tiġi mgħallma kemm it-Teorija kif ukoll il-Prattika bi ġranet u ħinijiet fissi u nwasslu l-alievi tagħna sa eżamijiet kompetittivi ħalli b'hekk mal-milja taż-żmien ikollna baned professjonali. Naħsbu biss li jkollna l-aqwa u xejn anqas mill-aqwa.
- Librerija li tkun miftuħa bi ġranet u ħinijiet fissi fejn wieħed jista' jagħmel riċerki u anke jkun post fejn wieħed jista' jqatta ftit ħin jaqra.
- Kamra għat-televiżjoni fejn wieħed jista' jgawdi dak li jkun jixtieq jara fil-kwiet u allura maqtugħa minn kull rokna oħra fil-Każin.
- Amusement room fejn wieħed jista' jiddeverti b'logħob li l-kumitat għandu jkollu kontroll fuqu.
- Billiard room fejn wieħed għandu jinkoraġixxi ż-żgħażagħ tagħna anke fuq skala nazzjonali.
- Social area speċjalment madwar il-bar fejn parti għandu jintuża bħala bar u sezzjoni oħra bħala restaurant. Hemm bżonn ta' upgrading mhux ħażin f'dan l-ambitu.
- Sala tal-kunċerti fornuta b'teknoloġija avvanzata fejn barra li jkun fiha akkwistika u dwal tajba sabiex fiha jsiru recordings u dan huwa nvestiment jekk isir kif għandu jkun.
- Fuljett jew rivista li għal inqas toħroġ darba kull tlett xhur li trid titwassal barra minn xtutna. Din trid tkopri l-attwalità, previżjoni, u aħbarijiet kemm fuq l-amministrazzjoni kif ukoll fuq il-banda. Paġni għall-kumitati nisa u żgħażagħ u kull sotto-kumitat ieħor li jista' ikun hemm. Din titlob impenn sħiħ u dedikazzjoni.
- Sala tal-konferenzi addattata għal dawk l-għaqdiet jew organizzazzjonijiet li ma jkollhomx lok fejn jiltaqgħu.
- Klassijiet għall-korsijiet fuq arti u teknoloġika informatika, kommunikazzjonijiet, marketing, life skills bħal first aid, rescue, fire-fighting u anke klassijiet għall-lezzjonijiet privati fuq suġġetti varji.
- Banda tat-tfal u taż-żgħażagħ taħt it-tmintax-il sena. Din għanda tingħata kura u attenzjoni speċjali l-ewwelnett nkunu qegħdin nippromovu t-tagħlim u l-imħabba għall-mużika, it-tieni inbedu l-uliedna mill-periklu ta' vizzji tad-droga, alkoħol u t-tielet li ntellawhom f'ambjent fejn il-quddiem ikunu jistgħu mhux biss jagħtu kontribut lis-Soċjetà iżda jkunu l-mexxejja ta' għada.
- Ċentru ta' esibizzjonijiet ta' kull ġeneru, kemm kollettivi kif ukoll individwali kemm lokali kif ukoll anke barrani.
- Skola ta' drama u arti fejn hemm il-ħtieġa ta' teatru.

**Konklużjoni**

Konvint li bi sforz kollettiv mhux biss mill-Kumitat tad-Direzzjoni iżda anke bl-appoġġ tas-Sotto-Kumitati u bi ftehim mal-Kumitat tal-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex ħafna temi u użanzi ġodda jistgħu jiġu introdotti fil-Każini tagħna u li l-quddiem isiru parti mill-istruttura u l-kultura ta' dawn is-soċjetajiet.